L-UFFIĊĊJU TAL-KUMMISARJU GĦALL-ĦARSIEN TAL-ANNIIMALI

RAPPORT ANNWALI – 2016

Is-sena 2016 kienet sena bieżla għall-Uffiċċju tiegħi. Madankollu, meta wieħed iqis l-ammont ta' persunal limitat, magħmul minn Uffiċjali ta' Promozzjoni, Spettur għall-Ħarsien tal-Annimali u persuna oħra li ngħaqdet mal-uffiċċju tiegħi reċentement, irnexxielna niżguraw li din is-sena wkoll tkun waħda ta' suċċess.

F'din is-sena saret ħafna promozzjoni mat-tfal li jinstabu fis-6 sena fi skejjel tal-gvern, tal-knisja u oħrajn privati. Din l-inizjattiva li bdejna s-sena l-oħra fejn nagħtu *lecture* qasira flimkien ma' preżentazzjoni bil-*Powerpoint* dwar is-suġġett, u nqassmu wkoll kopja tal-ktieb **'L-Imħabba Tagħna Lejn l-Annimali. Obbligi – Liġijiet – Regolamenti'**, kienet suċċess kbir mal-istudenti u anke mal-adulti. L-għaxart elef ktieb li ġew stampati s-sena l-oħra kollha tqassmu u din is-sena għamilna ordni oħra għal ħmistax-il elf ktieb biex inkomplu bil-promozzjoni tagħna f'Malta u Għawdex. L-Uffiċċju tiegħi għal darb'oħra kkollabora mad-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u pparteċipa fi SkolaSajf għall-promozzjoni tal-ħarsien tal-annimali.

Din is-sena ssodisfajna t-talbiet ta' ġenituri li talbuna nippubblikaw ktieb għal studenti iżgħar. Għaldaqstant, l-Uffiċċju tiegħi ppubblika ktieb ta' ħidma ġdid bl-isem 'Il-Ħbieb Tagħna l-Annimali' għal studenti iżgħar, u dan tqassam ma' kull minn attenda SkolaSajf kif ukoll l-istudenti kollha fil-5 sena fl-iskejjel primarji.

Fit-28 ta' Mejju 2016 ġejt mistieden mill-F.O.I.P.N. biex nagħmel diskors matul Konferenza dwar il-Ħarsien tal-Annimali li ġiet organizzata fil-Corinthia Palace Hotel & Spa, Attard. Fid-diskors tiegħi spjegajt fid-dettall il-missjoni u l-iskop tal-Uffiċċju l-ġdid tal-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali. Saru diversi mistoqsijiet dwar il-ħarsien tal-annimali minn għadd ta' persuni li attendew, u jien irrispondejt għall-mistoqsijiet tagħhom kollha. Wara sar diskors mill-Onor. Simon Busuttil MP, l-Onor. Marthese Portelli u l-Onor. Mario Galea, marbut ma' aktar titjib fil-ħarsien tal-annimali f'Malta. Matul din il-konferenza tqassmu wkoll għadd ta' kotba promozzjonali dwar il-Ħarsien tal-Annimali.

Fit-18 ta' Novembru 2016, konferenza oħra dwar il-Ħarsien tal-Annimali, "Rights for the voiceless" (Drittijiet għal dak li m'għandhomx vuċi) ġiet organizzata mill-Onor. Marlene Mizzi fil-Corinthia Palace Hotel & Spa, Attard. L-għan ewlieni ta' din il-konferenza kien li jiġu diskussi l-istandards tal-ħarsien tal-annimali u t-trattament xieraq ta' annimali f'Malta u fl-unjoni Ewropea, tul il-Presidenza ta' Malta tal-UE li kienet imminenti. Tul din il-konferenza kien hemm diversi kelliema fosthom l-Onor. Roderick Galdes MP, il-Kummissarju Ewropew għas-Saħħa u -Sigurtà tal-Ikel Dr. Vytenis Andriukaitis, li bagħat messaġġ irrekordjat minħabba li ma setax jattendi personalment. Preżenti wkoll kien hemm id-Direttur ta' Eurogroup for Animals Is-Sinjura Reineke Hameleers, is-Sa. Moira Delia, is-Sa. Barbara Cassar Torreggiani, minn SPCA Malta, u jien. Fid-diskors qasir tiegħi rrakkomandajt bis-sħiħ reviżjoni fid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali; il-persunal m'għandhomx ikunu responsabbli għaż-żamma ta' klieb u qtates, imma minflok huwa rrakkomandat li d-Direttur għall-Ħarsien tal-Annimali jmexxi tim ta' Uffiċjali għall-Ħarsien tal-Annimali biex jinfurzaw l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jinfurzaw l-Att dwar il-Ħarsien tal-Annimali. Nemmen bis-sħiħ li b'infurzar tajjeb nistgħu nwasslu ħarsien tal-annimali aħjar f'Malta.

F'din il-Konferenza ridt ukoll nieħu l-opportunità li nsemmi n-nuqqas ta' qbil tiegħi meta niġu għall-istandards minimi taż-żoni magħluqa, l-aktar dawk fejn jinżammu annimali selvaġġi f'żoos f'bosta pajjiżi Ewropej. Sħaqt li għandu jkun hemm reviżjoni tal-istandards minimi, speċjalment rigward id-daqs tal-postijiet fejn jinżammu l-annimali f'żoos. Dan għandu jgħin biex itejjeb u tal-anqas jirrifletti l-Ħames Libertajiet tagħhom.

Fit-8 ta' Ġunju 2016, ġejt mistieden għall-ftuħ ta' Cat Café ġdid fir-residenza ta' St Vincent d Paule. Din l-inizjattiva tassew eċċellenti seħħet għall-benfiċċju tal-qtates li jgħixu fir-residenza tal-anzjani wara diversi laqgħat li l-Uffiċċju tiegħi kellu mal-Kap Uffiċjal Eżekuttiv Dr Josianne Cutajar MD. Fir-rigward ta' dan il-Cat Café, Dr Cutajar ħadet l-inizjattiva li tuża dan il-proġett ukoll bħal Ċentru ta' Terapija bl-Assistenza tal-Annimali għall-anzjani. Animal Guardians Malta għamlu ftehim mas-CEO biex jieħdu ħsieb imexxu dan il-Cat Café. Għalhekk, minn problema ta' qtates mingħajr dar, l-Uffiċċju tiegħi rnexxielu jaħdem biex tinsab soluzzjoni pożittiva għal kulħadd.

Matul din is-sena rċevejna erba' mija u għoxrin rapport minn ċittadini Maltin u minn barranin. L-Uffiċċju tiegħi ħadem fuq dawn i-rapporti skont il-bżonn; uħud ġew mgħoddija lid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali u lid-Dipartiment tal-Veterinarji, waqt li oħrajn ġew investigati mill-Uffiċċju tiegħi. Kien hemm għadd ta' rapporti li kienu jeħtieġu azzjoni tal-qorti. . Din is-sena tlajt nixhed ukoll fil-qorti dwar diversi każijiet ta' ħarsien tal-annimali. Wieħed mill-każijiet kien dwar iż-żamma ta' annimali f'MonteKristo f'Ħal Farruġ Malta.

Wieħed mir-rapporti li deher fl-aħbarijiet kien il-każ ta' qattus sabiħ bl-isem ta' Masha li kien dejjem jinsab fi Triq Melita l-Belt. Dan ir-rapport li kien investigat minni, ġie ppubblikat fil-midja, u mtella' fuq il-website tal-Uffiċċju kif mitlub. Fir-rigward ta' dan il-każ kont sodisfatt bix-xogħol li sar mill-Uffiċjali għall-Ħarsien tal-Annimali u sar ukoll progress minn naħa tad-Direttorat fl-amministrazzjoni ta' każijiet tal-ħarsien tal-annimali.

Xi spezzjonijiet sorpriża li saru fid-Direttorat għat-trattament xieraq tal-Annimali fil-Farm tal-Gvern fl-Għammieri rriżultaw tassew sodisfaċenti. Fir-rigward ta' infurzar, nirrakkomanda bil-qawwa li jsiru aktar spezzjonijiet mill-Uffiċċjali għall-Ħarsien tal-Annimali u Veterinarji f'petshops u farms, u għandhom jiġu spezzjonati l-klieb għall-*microchip*. L-uffiċċju tiegħi rċieva għadd żgħir ta' ittri anonimi u dawn kienu tassew produttivi bħala appoġġ għall-ispezzjonijiet marbuta ma' kwistjonijiet ta' ħarsien tal-annimali.

L-annimali m'għandhomx vuċi, madankollu nistgħu nisimgħuhom jinbħu, jingħu, eċċetra, imma bil-ħsejjes tagħhom huma jridu jgħaddu messaġġ lilna biex naħdmu favur id-drittijiet tagħhom. Aħna l-umani rridu nisimgħu u nkomplu nimplimentaw liġijiet u ninfurzaw ir-Regolamenti biex inħarsuhom biex jgħixu ħajja aħjar.

**Is-sodifazzjon fix-xogħol tiegħi kienet il-ħidma magħquda u l-kooperazzjoni li dejjem insib mill-persunal limitat tiegħi li jgħinuni nħaddem dan l-Uffiċċju importanti. Wieħed dejjem jittama li l-affarijiet imorru għall-aħjar is-sena d-dieħla.**

**Emanuel Buhagiar**

Kummissarju għall-Ħarsien tal-Anniimali